# Il-Ħadd 12.04.2020

1. F'dan iż-żmien straordinarju minħabba l-*Coronavirus* (COVID-19), waqt li nibqgħu nisimgħu sewwa u nħarsu d-direttivi li qed ningħataw mill-awtoritajiet tas-saħħa, u bħala nsara dak ukoll li jgħidulna l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, ejjew nibqgħu wkoll ningħaqdu u nissaħħu bit-talb:

**NINKURAĠĠIXXU TALB PRIVAT,** u li għal din ir-raġuni,
**<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** ser tkun miftuħa:

- Mit-Tnejn sas-Sibt AM: bejn 7:00am u 8:00am; PM: bejn 6:00pm u 7:00pm
- Il-Ħadd AM: bejn 8:00am u 9:00am; PM: bejn 5:00pm u 6:00pm

**<u>Il-Knisja ta' Santa Marija</u>** tkun miftuħa bħas-soltu:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa biss AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

**MINKEJJA LI MHUX ISIR QUDDIES** tajjeb insegwu x-xandiriet tal-Quddiesa fuq <u>TVM2</u>, <u>www.knisja.mt</u>, <u>www.Quddies.com.mt</u>, u <u>Newsbook.com.mt</u> kif indikat:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - Fid-9:30am - Quddiesa mill-Kappella tal-Kurja
  Fil-5:30pm - Quddiesa u Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
- Is-Sibt u l-Ħadd - TVM2 ser ixandar iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies
  mis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex, u minn knejjes f'Malta.

**L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI**, qed jinżamm jiffunzjona u wieħed jista' jinqeda billi:

- jibgħatli email:- **<u>parrocca.safi@maltadiocese.org</u>**, jew
- iċempilli fuq Tel. no.:- **<u>21649223</u>** (l-Uffiċċju), jew fuq Mob. no.:- **<u>79604561</u>** (Kappillan).

**NIEĦDU ĦSIEB XULXIN**, anke billi permezz ta' xi telefonata / video chat naraw li l-familjari / ġirien tagħna jkunu jinsabu tajbin u mhumiex imċaħħda minn xi bżonnijiet essenzjali tal-ħajja.

- Helpline għall-Anzjani ta' aktar minn 60 sena għal għajnuna ta' ikel u mediċina: **<u>25903030</u>**.
- Helpline għal min qed iħossu waħdu jew jixtieq jibqa' f'kuntatt ma' xi ħadd: **<u>1772</u>**.

2. <u>Illum 12/04, **Il-Għid il-Kbir**</u>: Ara 1 Kor 5, 7b-8a: Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul: nagħmlu mela festa fil-Mulej.

<u>*Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1128_ghid%20il-kbir.pdf</u>

- **QARI I** - Atti 10, 34a.37-43: Aħna kilna u xrobna miegħu wara li qam mill-imwiet.
- **SALM RESP** - Salm 177 (118): Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; nifirħu u nithennew fih. Hallelujah
- **QARI II** - Kol 3, 1-4: Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn qiegħed Kristu - *jew*
  **QARI II** - 1 Kor 5, 6b-8: Tnaddfu mill-ħmira l-qadima, ħa tkunu għaġna ġdida.
- **EVANĠELJU SKONT S. MATTEW** - Mt 28,1-10: Qam mill-Imwiet, u sejjer il-Galilija qabilkom.
  → ***ĠEST 1***:- Illum min għandu arblu bix-xieraq li jtella' l-bandiera.

o **Fit-8:00am - Jindaqqu t-tokki tat-8:00am u l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)
  **<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** tiftaħ AM: bejn 8:15am u 9:15am

o **Fid-9:15am - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (10 mins max.)

o **Segwu x-xandira: AM - 09:30am - 10:30am: Quddiesa Solenni minn Mons. Arċisqof**
  → ***SINJALI***:- Xemgħa bajda, Xbieha ta' Kristu Rxoxt, u Figolla jew Bajda tal-Għid.
  → ***ĠEST 2***:- Fil-Glorja bus ix-xbieha ta' Kristu Rxoxt, u x'ħin tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof, għal xi l-**10:30am** aqsmu l-figolli u l-bajd tal-Għid.

o **Segwu x-xandira: AM - 11:00am - 12:30pm: Quddiesa u Barka *Urbi et Orbi* mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku**

o **F'12:00pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (15 mins max.)

o **Fil-5:15pm - Jindaqqu l-Qniepen** – Mota (15 mins max.)
  **<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** tiftaħ PM: bejn 5:30pm u 6:30pm
  u jkun espost Ġesù Sagramentat.

3. Il-Ħadd 19/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-Parroċċa tagħna infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI.**
   - Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (422 sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
   - Ara Ġw 20, 29: Tumas, emmint għax rajtni, jgħid il-Mulej; henjin dawk li ma rawx u emmnu.

   *Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1129_2Haddghid.pdf
   - **QARI I** - Atti 2, 42-47: Dawk li kienu jemmnu kienu lkoll flimkien u kellhom kollox bejniethom.
   - **SALM RESPONSORJALI** - Salm 177 (118): Faħħru lill-Mulej, għaliex hu tajjeb,
     għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
   - **QARI II** - 1 Piet 1, 3-9: Tana twelid ġdid li jwassalna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Kristu.
   - **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** - Ġw 20, 19-31: Tmint ijiem wara ġie Ġesù.

4. Avviżi oħra:
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja tavża lil dawk il-ġenituri li uliedhom twieldu fis-sena 2017 u bejn Jannar u April tal-2018, sabiex jiktbuhom għall-klassijiet tal-Kindergarten għas-Sena Skolastika 2020-2021. Jistgħu jinkitbu biss tfal ta' ġenituri li joqogħdu Ħal Safi. Għalissa ibagħtu email fuq:- sbc.safi.pr@ilearn.edu.mt. Fl-email iktbu:
     - L-isem u l-kunjom tat-tifel/tifla.
     - Id-data tat-twelid tat-tifel/tifla.
     - In-Numru tat-telefon tal-ġenituri/kustodji tagħhom.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 20 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.